# L-Istħarriġ dwar is-Suq tax-Xogħol (LFS): K2/2026

NR 160/2026 | Is-Suq tax-Xogħol | Data tal-Ħruġ: 11/09/2026





## Punti Prinċipali

- Fit-tieni kwart tal-2026, l-Istħarriġ dwar is-Suq tax-Xogħol (LFS) qies li n-nies jaħdmu laħqu b'kollox it-339,935, li jiġu 3.4 fil-mija aktar meta mqabblin mal-istess kwart tas-sena ta' qabel.
- Ħarsa lejn ix-xogħlijiet kollha turi li s-salarju bażiku medju fix-xahar tal-impjegati kien ivarja minn €3,657 fost il-maniġers għall-€1,412 qalb in-nies f'xogħlijiet elementari.
- Fost in-nies kollha li jaħdmu, 41.1 fil-mija kellhom livell ta' edukazzjoni terzjarja.
- Ir-rata tal-qgħad skont l-LFS għat-tieni kwart tal-2026 kienet ta' 3.3 fil-mija.
- Ir-raġuni ewliena l-għala n-nies ma kinux attivi kienet l-irtirar jew l-irtirar bikri (41.7 fil-mija).

---

## Kummentarju

*Fit-tieni kwart tal-2026, l-Istħarriġ dwar is-Suq tax-Xogħol qies li l-għadd ta' nies jaħdmu laħaq b'kollox it-339,935, li huwa 3.4 fil-mija aktar meta mqabbel mal-istess kwart tas-sena ta' qabel.*

**Il-qagħda tax-xogħol**

Stimi tal-Istħarriġ dwar is-Suq tax-Xogħol juru li, fit-tieni kwart tal-2026, l-għadd ta' nies jaħdmu laħaq b'kollox it-339,935 persuna, li jiġu 65.9 fil-mija tal-popolazzjoni fl-età ta' 15-il sena u aktar. Il-persuni qiegħda kienu 11,431 (2.2 fil-mija), filwaqt li l-persuni mhux attivi kienu b'kollox 164,136 (31.8 fil-mija) (Tabella nru 1). Ir-rata tal-attività għal popolazzjoni fl-età ta' minn 15 sa 64 sena fiż-żmien ta' riferenza kienet ta' 82.8 fil-mija. L-ogħla rata kienet fost persuni fl-età ta' bejn il-25 u l-54 sena (92.1 fil-mija) (Tabella nru 2).

**In-nies li jaħdmu**

Bħala medja, 80 persuna minn kull 100 fl-età bejn il-15 u l-64 sena kienu jaħdmu. F'din il-firxa ta' età, ir-rata tax-xogħol għall-irġiel kienet ta' 85.1 fil-mija, filwaqt li għan-nisa din kienet ta' 73.9 fil-mija (Tabella nru 4). L-akbar sehem ta' persuni jaħdmu kien qalb in-nies fl-età bejn il-25 u l-34 sena, segwit mill-qrib minn dawk fl-età bejn il-35 u l-44 sena (Tabella nru 3, Ċart nru 1).

Dawk jaħdmu għal rashom laħqu t-13.5 fil-mija tan-nies kollha b'impjieg ewlieni (Tabella nru 5). Il-biċċa l-kbira tan-nies li jaħdmu jagħmlu dan fuq bażi full-time u kienu jgħoddu 299,994, filwaqt li 39,941 oħra kellhom impjieg part-time bħala l-impjieg ewlieni tagħhom (Tabella nru 6). Ir-riżultati juru li, bħala medja, il-persuni full-time ħadmu 37.3 siegħa, filwaqt li dawk part-time ħadmu 20.5 siegħa fil-ġimgħa. Fit-tieni kwart tal-2026, in-nies li jaħdmu fil-fatt ħadmu 35.3 siegħa fil-ġimgħa, 0.2 sigħat iżjed meta mqabbla mal-istess kwart tas-sena ta' qabel (Tabella nru 7).

Fit-tieni kwart tal-2026, is-salarju bażiku medju fix-xahar tal-impjegati kollha kien stmat ta' €2,282. L-ogħla salarju bażiku kien irreġistrat fil-qasam tal-Attivitajiet finanzjarji u tal-assigurazzjoni (€3,021) (Tabella nru 9). Is-salarju medju fix-xahar varja minn €1,412 fost persuni impjegati f'xogħlijiet elementari għal €3,657 fost il-maniġers (Tabella nru 11).




**In-nies qiegħda u dawk mhux attivi fis-suq tax-xogħol**

Ir-rata tal-qgħad għat-tieni kwart tal-2026 kienet ta' 3.3 fil-mija (Tabella nru 13). In-nisa għoddew 57.9 fil-mija ta' dawk mhux attivi, filwaqt li n-nies li kellhom 65 sena u aktar kienu jagħmlu l-akbar għadd ta' nies mhux attivi (Tabella nru 15). Ir-raġuni ewliena l-għala n-nies ma kinux attivi kienet l-ilħuq tal-età tal-irtirar jew it-teħid tal-irtirar qabel iż-żmien (41.7 fil-mija) (Tabella nru 16).

**Il-livell edukattiv milħuq**

Meta titqies il-popolazzjoni kollha fl-età ta' 15-il sena u aktar, 36.9 fil-mija kellhom livell ta' edukazzjoni sekondarju jew anqas (Tabella nru 17). Fost il-popolazzjoni kollha li taħdem, 41.1 fil-mija kellhom livell ta' edukazzjoni terzjarja (Tabella nru 18).

Abbona għall-aħħar aħbarijiet

**Is-Suq tax-Xogħol**

**Stqarrijiet tal-Aħbarijiet Oħra**

- L-Aċċidenti fuq ix-Xogħol: Jannar-Ġunju 2026
- Ir-Rata tal-Qgħad: Lulju 2026
- Il-Qgħad Irreġistrat: Lulju 2026
- Ix-Xogħol Irreġistrat: Marzu 2026
- Il-Qgħad Irreġistrat: Ġunju 2026

**Temi Oħra Relatati**

Is-Saħħa

**Għal mistoqsijiet ikkuntattja:**

labourmarket.nso@gov.mt

**Għal aktar data, jekk jogħġbok żur:**

L-Indikaturi Magħżula